# MIN HU MISSIERI?



**DR RENALD BLUNDELL**

renald@naturalremedies.com.mt

www.naturalremedies.com.mt

**Dr RENALD BLUNDELL ser jispjegalna kif u x'inhu dak li jissejjaħ test tal-paternità permezz tad-DNA.**

Din hija domanda li saret aktar komuni fid-dinja tal-lum. Fis-soċjetà tal-lum mad-dinja kollha hemm għadd ta' każijiet fejn il-paternità tkun dubjuża.

Fortunatament illum il-ġurnata jeżistu testijiet tal-paternità bbażati fuq id-DNA fejn dan il-misteru jista' jiġi solvut fi ftit taż-żmien.

B'hekk bniedem jista jistaqsi: Imma x'inhu DNA? Dan it-test u r-riżultat tiegħu huma mija fil-mija?

Nibda mill-bidu nett. Aħna magħmulin minn diversi ċelloli, u ċ-ċelloli tagħna, minbarra dawk ċ-ċelloli l-ħomor, għandhom id-DNA.

Id-DNA tagħna huwa uniku, u nofs dan id-DNA ġej minn ommna u n-nofs l-ieħor ġej minn missierna. Kullħadd għandu DNA differenti minn xulxin, anke tewmin identiċi.

X'inhu it-test tal-paternità? It-test tal-paternità jsir billi jittieħdu kampjuni mill-omm, kampjun mit-tfal u kif ukoll mill-allegat missier. Wara jsir proċess ġewwa l-laboratorju fejn id-DNA tagħhom jitqabblu ma xulxin.

Biex jitqabblu ma' xulxin, jintużaw dawk li jissejħu *genetic markers*. Biex nifhmu aħjar, it-tifel jew tifla jkollu nofs il-*genetic markers* tiegħu jew tagħha bħal dak tal-missier u n-nofs l-ieħor bħal dak tal-omm.

Il-*genetic markers* huma żoni speċifiċi fid-DNA fejn kull persuna għandha mudell uniku. Biex nifthiemu aħjar, nistgħu nieħdu eżempju b'numru ta' bnadar b'kuluri differenti u kull persuna għandha sett ta' dawn il-bnadar ta' diversi kuluri.

B'hekk l-ebda persuna ma jista' jkollha l-istess numri u l-istess sekwenza ta' kuluri ta' bnadar. L-istess fid-DNA, kull individwu huwa uniku.

Hemm numru ta' kampjuni li jistgħu jittieħdu. Fit-teorija kull ċellola tagħna, minbarra dawk il-ħomor, għandhom id-DNA, u b'hekk kollha jistgħu jintużaw għat-test tad-DNA.

Ġeneralment l-aktar kampjuni komuni huma *swabs* minn ġol-ħalq jew jittieħed id-demm.

Kemm it-test tad-DNA mid-demm, kif wkoll miċ-ċelloli tal-ħalq għandhom l-istess perċentwal ta' preċiżjoni. F'ċerti każijiet aktar ikkumplikati d-DNA jista' jittieħed minn diversi kampjuni oħrajn fosthom snien, xagħar, frammenti ta' għadam, kondom, tarf ta' sigarett, fdal minn xkupilja tas-snien, fdal minn xkupilja tax-xagħar, u ħafna iktar.

Imma l-aktar każijiet ikkumplikati huma meta xi wieħed mill-ġenituri huwa mejjet. Pereżempju, irridu nagħmlu test ta' DNA u l-allegat missier huwa mejjet.

F'dan il-każ nippruvaw insibu xi kampjun bijoloġiku fejn id-DNA ta' dan il-kampjun ma jkunx ikkontaminat minn xi ċelloli jew DNA ieħor, kif ukoll ikun ta' kwalità tajba u intatt.

Hemm żewġ tipi ta' testijiet tad-DNA li, għalkemm il-bażi xjentifika tagħhom hija l-istess, dawn huma t-test legali u dak mhux legali.

It-test mhux legali jsir minn koppja jew omm jew missier biex isserrħu moħħhom li t-tifel jew tifla huma verament tagħhom. Fil-każ tat-test tad-DNA legali, dan it-test isir biex ir-rapport ikun jista' jiġi ppreżentat u jkun validu għall-Qorti kif ukoll biex iserraħ rasu.

Nirringrazzjakom tal-għadd kbir ta' ittri u *emails* li rċevejt u inwegħidkom li ser inwieġeb kull waħda minnhom. Grazzi wkoll tal-kliem ta' inkoraġġiment li rċevejt rigward din il-paġna.

Kull min għandu xi domanda jew xi suġġeriment li jixtieq jagħmel jew jiddiskuti ma' Dr Blundell, jista' jagħmel dan billi jibgħat *email* lil renald@naturalremedies.com.mt, jew ittra fl-indirizz: Natural Remedies, 69, Triq K. Galea, Birkirkara.

